

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.5.2008
KUMM(2008) 331 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

**Opportunitajiet tas-Sajd għall-2009
Dikjarazzjoni ta' Politika mill-Kummissjoni Ewropea**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

**Opportunitajiet tas-Sajd għall-2009
Dikjarazzjoni ta' Politika mill-Kummissjoni Ewropea**

WERREJ

1.	Introduzzjoni	4
2.	Il-Qagħda tar-Riżorsi	5
3.	Prinċipji għall-2008.....	7
4.	Opportunitajiet tas-Sajd Deċiżi taħt il-PKS	7
4.1.	L-istabbiliment tat-TACs	7
4.2.	L-istabbiliment ta' l-isforz tas-sajd.....	7
5.	Sfidi għall-Profittabbiltà	8
6.	Segwitu tal-kwistjonijiet li jridu jiġu ġestiti mill-Istati Membri.....	8
7.	Il-Ġestjoni permezz ta' ppjanar fit-tul	9
8.	Metodu ta' ħidma fejn għad m'hemmx pjanijiet fit-tul.....	9
9.	Titjib fir-Rappurtar tal-Qbid, fid-Data u l-Evalwazzjonijiet.....	10
10.	Tnaqqis fir-Rimi.....	11
11.	Speċijiet tal-baħar fond	11
12.	Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed.....	12
13.	Il-Baħar Baltiku.....	12
14.	Miżuri tekniċi	12
15.	L-Iskedar tal-Proposti.....	12
16.	Konklużjoni.....	13
ANNEX I.....		15
ANNEX II.....		16

1. INTRODUZZJONI

Kull sena, l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi dwar l-opportunitajiet tas-sajd – il-kwoti tal-ħut u l-jiem permessi fuq il-baħar – għas-sajjieda Ewropej u fl-ibħra Ewropej. Dawn id-deċiżjonijiet isiru abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha tiġi fformulata skond numru ta' prinċipji ta' gwida. L-ewwel, u skond l-għanijiet ewlenin tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)¹, l-opportunitajiet tas-sajd annwali għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jiżgura użu sostenibbli tar-riżorsi f'termini ambjentali, ekonomiċi u soċjali. It-tieni, meta jitqies il-bżonn li jiġi żgurat qafas stabbli u prevedibbli għall-operaturi li jiddependu fuq is-sajd, il-varjazzjonijiet annwali għandhom jinżammu fi ħdan limiti determinati minn qabel. It-tielet, l-impenji internazzjonali għandhom jiġu rispettati, inkluż l-impenn li jerġgħu jittellgħu l-istokkijiet sabiex jilhq u l-produttività massima tagħhom². Fl-aħħarnett, skond l-approċċ miftiehem fil-Komunikazzjoni "Intejbu l-konsultazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd Komunitarju" ta' l-2006, il-partijiet interessati għandhom jiġu involuti fi stadju bikri fid-diskussjoni dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

Skond il-metodu ta' hídma l-ġdid propost fl-2006, din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tnejjja tal-proposti tagħha għall-qabdiet totali permessi (TACs) u l-isforz tas-sajd għall-2009 biex tilħaq l-impenn tagħha għal sajd sostenibbli. Fl-2009, dan l-eżerċizzju ser isir fi sfond ta' sfidi urġenti li qed tiffaċċja l-PKS. Minkejja diversi snin ta' implimentazzjoni tal-PKS, il-qagħda tar-riżorsi għadha tqajjem tħassib. Diversi stokkijiet huma sfruttati lil hinn mis-sostenibbiltà. L-opportunitajiet tas-sajd ġew stabbiliti f'livelli għoljin wisq biex ikunu sostenibbli. Is-sistemi tal-ġestjoni ta' l-isforz ma ħadmu kif kien mistenni. Hemm problemi serji fl-infurzar ta' l-opportunitajiet tas-sajd, u jeħtieġ li jiġu indirizzati l-problemi ta' l-implimentazzjoni. Jinħtieġ ukoll titjib fil-miżuri tekniċi.

Meta tistabbilixxi l-opinjonijiet tagħha dwar l-opportunitajiet tas-sajd fl-2009, il-Kummissjoni għalhekk għandha tipproponi miżuri biex tindirizza dawn l-isfidi. Dan jinkludi r-reviżjoni tal-limiti fl-istabbiliment ta' l-aġġustamenti annwali fit-TACs u l-kwoti. It-titjib fil-miżuri tekniċi ser jiġi ppreżentat ukoll fi proposta separata. Matul l-2008, il-Kummissjoni ser tibda wkoll hídma fuq approċċ iktar reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd. Għandha tingħata attenzjoni iktar mill-qrib biex l-elementi varji tal-PKS jaħdmu flimkien biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tas-sajd bl-aktar mod xierq f'kull reġjun. Oqsma oħra ta' politika ser ikunu relatati iktar mill-qrib ma' l-isfruttar sostenibbli ta' l-istokkijiet tal-ħut fil-medda t-twila ta' żmien.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tfittex l-opinjonijiet tal-partijiet interessati dwar id-dikjarazzjoni tal-politika stabbilita f'din il-Komunikazzjoni u li tistieden lill-Istati Membri u s-settur ta' l-industrija biex jiddiskutu kif jistgħu jtejb u l-metodi ta' hídma

¹ L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

² L-implimentazzjoni tas-sostenibbiltà fis-sajd ta' l-UE permezz tar-rendiment massimu sostenibbli. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew. COM(2006) 360 finali.

għall-preżentazzjoni ta' l-opportunitajiet tas-sajd annwali. Ser jiġu ppjanati iktar konsultazzjonijiet dwar it-titjib ta' l-aspetti l-oħra tal-ġestjoni tas-sajd matul l-2008.

2. IL-QAGĦDA TAR-RIŻORSI

F'bosta setturi, il-politika tal-konservazzjoni mhix qed twassal għas-sostenibbiltà. Ħafna mill-istokkijiet demersali naqsu u mhumie x sostenibbli, minħabba li qed jiġu sfruttati lil hinn mil-limiti bijoloġiċi sikuri. Speċijiet bħall-capelin u ċ-ċiċirell li jintużaw fil-produzzjoni tat-tħin tal-ħut huma skarsi. It-tonn huwa sfruttat iżżejjed u hemm problema serja ta' kontroll. Madankollu l-istokkijiet tal-pixxispad jinsabu f'qagħda aħjar. Ħafna stokkijiet pelaġiċi oħra qed jinqabdu b'mod sostenibbli. Fil-Mediterran, qed jiġu ssorveljati biss żewġ speċijiet demersali u żewġ speċijiet pelaġiċi żgħar. L-istokkijiet demersali jaqbz u l-limiti bijoloġiċi sikuri, iżda ż-żewġ stokkijiet pelaġiċi mhumie x sfruttati għal kollox.


L-aġenziji xjentifiċi jevalwaw kull sena jekk l-istokkijiet humie x fir-riskju li r-riproduzzjoni futura tagħhom tkun compromessa, jiġifieri, jekk jaqbz u x "il-limiti bijoloġiċi sikuri". L-iktar minħabba rapporti ta' qbid mhux eżatti, il-qagħda ta' madwar 57% ta' l-istokkijiet mhix magħrufa. Minn dawn l-istokkijiet li l-qagħda tagħhom mhijie x magħrufa, 68% huma fir-riskju għoli li jinqerdu, u għal madwar 38% ta' l-istokkijiet huwa magħruf li qed jinqabdu b'mod sostenibbli. Fi 88% ta' l-istokkijiet, il-qbid żejjed huwa tant serju li jinqabad iktar ħut kieku kien hemm inqas sajd. Dan in-numru jaqbeż sew is-sitwazzjoni barra mill-UE fejn il-medja globali hija li 25% ta' l-istokkijiet qed jinqabdu ż-żejjed³. Madwar 19% ta' l-istokkijiet jinsabu f'qagħda tant ħażina li x-xjenzjati huma tal-parir li m'għandux isir iktar sajd (Ara t-tabelli f'Anness I).

Minn perspettiva iktar fit-tul, il-qbid żejjed wassal għal sitwazzjoni fejn l-istokkijiet tal-ħut fl-ibħra ta' l-UE jikkontribwixxu ħafna inqas għall-ekonomija Ewropea u għall-provvista ta' l-ikel milli kienu fil-passat. L-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana issa jipproduċu biss għoxrin fil-mija ta' dak li kien jinqabad minnhom 25 sena ilu. Xejriet simili jidhru f'ħafna miż-żoni fejn hija disponibbli l-informazzjoni (ara Grafika 1).

Ħatt l-art stimat ta' l-ispeċijiet demersali mill-Baħar tat-Tramuntana (1970-2004)

Ħatt l-art stimat ta' merluzz, megrims u l-awwist fiż-żona Iberika ta' l-Atlantiku


³ The State of World Fisheries and Aquaculture (Il-Qagħda tas-Sajd u l-Akkwakultura fid-Dinja) 2006. Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja tan-Nazzjonijiet Uniti. Ruma, 2007



Grafika 1. Kaxxa tax-xellug, estimi tal-ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana 1970-2004. Kaxxa tal-lemin, ħatt l-art stmat ta' l-ispeċijiet demersali ewlenin (marlozz, megrims, xkatlu u awwist) fiż-żona Iberika ta' l-Atlantiku Data mill-ICES (2005) fiż-żewġ każijiet.

Dan it-tnaqqis fil-produttività wassal għal żieda fid-dipendenza fuq materja prima importata għall-industrija ta' l-ikel Ewropea u għas-suq Ewropew. Filwaqt li 75% tal-prodotti tal-ħut għas-suq Ewropew kien joriġina minn riżorsi domestiċi fil-bidu ta' l-1970, il-prodotti domestiċi issa jikkontribwixxu biss madwar 40% (ara Figura 2).

Relazzjoni bejn il-produzzjoni u l-importazzjoni tal-ħut fl-UE 15 1961-2001
(f%) (Sors: Eurostat)



Grafika 2. Il-bilanċ bejn il-produzzjoni u l-importazzjoni tal-prodotti tal-ħut (ikel u mhux ikel) fl-UE.

Minkejja sforzi sostanzjali, m'hemmx sinjali sinifikanti ta' rkupru ta' l-istokk u lanqas ta' tnaqqis fil-qbid żejjed mill-2003. Il-ġestjoni tas-sajd fl-Unjoni Ewropea mhix qed taħdem kif suppost u l-għan li tinkiseb sostenibbiltà fit-tul mhux qed jintlaħaq.

3. PRINĊIPJI GĦALL-2008

F'dan l-isfond ta' l-eżawriment ta' l-istokkijiet u l-opportunitajiet tas-sajd għoljin wisq meta mqabbla mal-parir xjentifiku, il-Kummissjoni għadha impjenjata biex jintlaħqu opportunitajiet tas-sajd li huma sostenibbli skond il-parir xjentifiku u, għall-istokkijiet eżawriti, ser tippermetti possibbiltà kbir biex l-istokk jirkupra.

L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti:

- skond pjanijiet fuq medda twila;
- fir-rispett tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti;
- fir-rispett ta' l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd, u speċjalment fir-rispett tal-bżonn li jitnaqqas is-sajd għal stokkijiet sfruttati żżejjed u biex jerġgħu jittellgħu l-istokkijiet eżawriti.
- Il-Kummissjoni tagħti l-ogħla importanza għar-rispett ta' dawn il-prinċipji. Dawn qed jiġu spjegati f'aktar dettall hawn isfel.

4. OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD DEĊIŻI TAĦT IL-PKS

4.1. L-istabbiliment tat-TACs

Il-qbid żejjed u l-eżawriment ta' l-istokkijiet jirriżultaw mill-istabbiliment ta' livelli għoljin wisq tat-TACs u ta' l-isforzi. It-TACs deċiżi mill-Kunsill kellhom medja ta' madwar 48% ogħla mill-qbid li, skond l-aġenziji xjentifiċi, ikun sostenibbli skond l-approċċ prekawzjonali⁴. Minbarra l-problemi magħrufa dwar l-infurzar, l-istabbiliment ta' kwoti għoljin wisq ikkontribwixxa biex ir-riżorsi marittimi jinżammu f'livelli baxxi. Din il-Komunikazzjoni tindirizza metodi ġodda kif jiġu stabbiliti t-TACs biex jiġu evitati dawn il-problemi.

4.2. L-istabbiliment ta' l-isforz tas-sajd

L-isforz tas-sajd ġie ġestit flimkien mat-TACs biex jitnaqqas ir-rimi lura u jitnaqqsu l-opportunitajiet għal qabdiet illegali, mhux rapportati u mhux regolati (IUU). Il-ġestjoni ta' l-isforz hija wkoll miżura ta' konservazzjoni fejn il-previżjonijiet użati biex jiġu proposti TACs ma jkunx disponibbli. Kienet parti mill-pjanijiet fuq medda twila għall-merluzz, il-barbun tat-tbajja' u l-lingwata tal-Baħar tat-Tramuntana, il-lingwata tal-Lvant tal-Kanal, u l-istokkijiet tal-marlozz tan-Nosfinhar.

L-isforz tas-sajd u l-mortalità tal-ħut li jolqtu lill-merluzz għadhom għoljin wisq. Bejn l-2004 u l-2006, l-isforz naqas biss bi 12% f'Kattegat, b'9% fi Skagerrak, fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Lvant tal-Kanal, b'24% fil-Punent ta' l-Iskozja, u bi 17% fil-Baħar Irlandiż.

⁴ Għal dan il-kalkolu, TAC li ġie stabbilit meta l-parir xjentifiku hu li ma jsir l-ebda qbid ġie mgħadud bħala eċċess ta' 100%.

Sitwazzjonijiet simili japplikaw għal stokkijiet oħra kkonċernati mill-iskema tal-jiem fuq il-baħar.

L-iskema eżistenti ma tistax twassal għal iktar tnaqqis, hekk kif inhu meħtieġ, għaliex is-sistema kurrenti tippermetti tpattija għat-tnaqqis fil-jiem tas-sajd b'derogi kumpleksi. Is-sistema talloka wkoll drittijiet tas-sajd lil bastimenti inattivi, li jistgħu jiġu trasferiti għal bastimenti attivi. It-tnaqqis tal-jiem tas-sajd ma kienx effettiv ħafna biex inaqqas l-isforz fil-fatt użat. B'konsegwenza ta' dan, miri realistiċi tat-tnaqqis ta' l-isforz ma jistgħux jintlaħqu biss billi jitnaqqsu l-jiem tas-sajd.

Sistema ta' ġestjoni ta' l-isforz possibbli bbażata fuq limiti ta' kW-jiem ġiet diskussa. Dan il-metodu jħalli fidejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu fuq bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. Dan jippermetti wkoll li l-Istati Membri jaġġustaw l-allokazzjonijiet ta' kW-jiem biex jinkuraġġixxu sajd b'livell baxx ta' rimi u li jiġi evitat il-merluzz. Il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu dwar dikjarazzjoni dwar dan is-suġġett fil-Kunsill ta' Diċembru ta' l-2007:

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li approċċ ta' kW-jiem ikun iktar adattat għall-ġestjoni ta' l-isforz tas-sajd fiż-żoni koperti mill-iskemi multiannwali għall-merluzz, il-ħut ċatt u l-marlozz tan-Nofsinhar. Ser jippruvaw jiddiskutu matul l-2008 tali approċċ fuq il-bażi ta' l-ideat li ressqet il-Kummissjoni fil-kuntest tat-thejjiya tat-TAC ta' l-2008 u l-pakkett tal-Kwoti. Għandhom jimmiraw li ssir l-implimentazzjoni ta' tali approċċ fl-2009."

Il-Kunsill approva wkoll l-użu bikri u volontarju tas-sistema ta' kW-jiem biex titthaffef it-tranżizzjoni għal sistema sħiħa ta' kW-jiem taħt il-pjan rivedut ta' rkupru tal-merluzz fl-2009.

Is-sistema l-għdida ser tiġi proposta fil-kuntest tar-reviżjoni tal-pjan ta' l-irkupru tal-merluzz għas-snin li ġejjin u, għall-implimentazzjoni immedjata tagħha fl-2009, fil-proposta tat-TAC ta' l-2009.

5. SFIDI GĦALL-PROFITIBBILTÀ

Il-prezzijiet taż-żejt laħqu livell għoli fl-aħħar ta' l-2007 u probabbilment ser jibqgħu għoljin jew jiżdiedu iktar. Dan jippreżenta l-ogħla sfidi għall-bastimenti li jużaw metodi ta' sajd li jaħlu ħafna fjuwil bħall-bastimenti tat-tkarkir, u speċjalment il-bastimenti tat-tkarkir bit-travu. Il-prezzijiet għoljin taż-żejt ser isaħħu l-bżonn li jitnaqqas l-ammont ta' sajd għal dak meħtieġ biex isiru l-ogħla qabdiet. L-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd għoljin mhux realistiċi fit-terminu qasir ikun kontroproduttiv.

6. SEGWITU TAL-KWISTJONIJIET LI JRIDU JiĠU ĠESTITI MILL-ISTATI MEMBRI

Fl-2008, ir-Regolament dwar l-"Opportunitajiet tas-Sajd" ipprova lill-Istati Membri b'iktar opportunitajiet li jieħdu inizjattivi biex inaqqsu r-rimi tal-merlanfu u l-merluzz, biex jiddeterminaw metodi ta' infurzar li jikkonċernaw iż-żoni protetti taħt "Natura 2000", u biex jirriallokaw il-jiem tas-sajd fost il-gruppi ta' l-irkapto sabiex titnaqqas il-mortalità tal-ħut tal-merluzz. Il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri

biex jirrappurtaw fuq ir-riżultati ta' dawn l-inizjattivi, u ser jirrevedu r-riżultati qabel ma jiġi propost li dawn ikomplu.

7. IL-ĠESTJONI PERMEZZ TA' PPJANAR FIT-TUL

Il-ġestjoni tas-sajd taħdem sew meta jkun ippjanat kif xieraq. Il-potenzjal produttiv ta' l-istokkijiet tal-ħut għandu jiġi mifhum, u l-isfruttar tagħhom għandu jitqies fit-tul. Huma meħtieġa *data* bijoloġiċi tajbin u evalwazzjonijiet. Għandhom jinstabu mezzi kif tiżdied il-produzzjoni tal-ħut, titjeb l-effiċjenza, u kif jitnaqqsu r-rimi u l-impatti mhux neċessarji fuq l-ambjent marittimu. Dawn il-metodi għandhom ikunu prattiċi u jipprovdu kemm jista' jkun stabbiltà għad-dħul u l-impjieg.

Għandha tingħata prijorità biex l-istokkijiet jiġu ġestiti sew fit-tul, u fejn l-istokkijiet qed jinqerdu, huma meħtieġa pjanijiet ta' rkupru. Sar ħafna progress mir-riforma ta' l-2002, u ġew żviluppati pjanijiet għal ħafna stokkijiet (33% tal-qbid u 28% ta' l-istokkijiet tal-ħut pelaġiċi, 45% tal-qbid u 32% ta' l-istokkijiet tal-ħut demersali huma ġestiti taħt pjanijiet fit-tul), iżda jeħtieġ li jsir iktar biex jiġu stabbiliti pjanijiet fit-tul.

Il-pjanijiet fit-tul għadhom fil-qalba tal-politika tal-Kummissjoni fl-2008. Il-pjanijiet eżistenti għandhom jiġu implimentati. Ser jiġu proposti iktar pjanijiet fl-2008 għas-Salamun tal-Baltiku, għall-arangi fil-Punent ta' l-Iskozja u għall-marlozz tat-Tramuntana. Il-pjan ta' rkupru tal-merluzz ser jiġi rivedut. Ser jinġhata kont tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati li saru fl-2007 u tal-parir xjentifiku. Ser jitkompla x-xogħol biex iktar stokkijiet jiġu ġestiti fit-tul (inklużi l-laċè ikħal u l-arangi), u dawn għandhom jiksbu rendiment massimu sostenibbli, tnaqqis fir-rimi u impatt imnaqqas fuq l-ambjent marittimu. Il-pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul ser jintużaw ukoll għall-iżvilupp ta' l-apporċ imsejjes fuq l-ekosistemi għas-sajd.

8. METODU TA' ĦIDMA FEJN GĦAD M'HEMMX PJANIJET FIT-TUL

Fejn għad m'hemmx pjanijiet fit-tul, id-deċiżjonijiet tat-TAC jittieħdu fuq il-bażi ta' parir xjentifiku annwali mill-ICES u l-STEFC. Ġew żviluppat regoli^{5,6} għall-istabbiliment tat-TAC sabiex jiġi żgurat trattament ġust u biex tiġi pprovduta kemm jista' jkun stabbiltà għall-industrija. Dawn ir-regoli ser ikomplu, iżda b'xi tibdiliet kif mitlub mill-aħħar parir xjentifiku.

Fl-2007 l-STEFC irrapporta dwar ir-riżultat probabbli tar-regoli tad-Dikjarazzjonijiet ta' Politika tal-Kummissjoni⁷. Il-parir kien favorevoli ħafna, iżda rrimarka żewġ nuqqasijiet serji.

L-ewwel wieħed hu li ħafna drabi r-regoli żammew lill-istokkijiet li qed jinqerdu milli jirkupraw. Għalkemm ir-regoli jistabbilixxu r-rata tas-sajd fuq stokk b'rata

⁵ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill. Opportunitajiet tas-Sajd għall-2007. Dikjarazzjoni ta' Politika mill-Kummissjoni Ewropea. COM(2006) 499 finali.

⁶ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill. Opportunitajiet tas-Sajd għall-2008. Dikjarazzjoni ta' Politika mill-Kummissjoni Ewropea. COM(2007) 295 finali.

⁷ Referenza għar-rapport STEFC HCR ta' l-2007

prekawzjonarja meta l-istokk ikun jinsab flivell normali, ma pprovdewx għal tnaqqis fir-rata tas-sajd għall-istokkijiet li diġà tnaqqsu. F'dawn is-sitwazzjonijiet l-istokkijiet isiru inqas reżistenti għas-sajd u r-rata tas-sajd għandha titnaqqas biex l-istokk jirkupra. Pereżempju, l-istokk tal-merluzz tal-Punent ta' l-Iskozja naqas b'rata iktar mgħaġġla minn 15% fis-sena. It-tnaqqis tat-TAC ta' inqas minn 15% fis-sena ma rnexxilux jipproteġi dan l-istokk.

It-tieni nuqqas hu li r-regoli jistgħu jwaqqfu lill-industrija milli tieħu vantaġġ miż-żieda fil-qbid disponibbli minn stokkijiet li rkupraw. L-istokkijiet jistgħu jirkupraw b'rata iktar mgħaġġla minn 15% fis-sena, iżda r-regoli jillimitaw iż-żidiet tat-TAC għal din iċ-ċifra. L-istokkijiet ta' l-aringi, pereżempju, irkupraw mil-livelli baxxi b'rati iktar mgħaġġla minn 15% fis-sena.

Huma meħtieġa tibdiliet fir-regoli u ġew żviluppati regoli ġodda fl-Anness II. Għall-istokkijiet li naqsu għal livell baxx ta' bijomassa, issa huwa propost li titnaqqas il-mortalità tal-ħut sa 30% fis-sena, filwaqt li t-TAC ma jinbidilx iktar minn 20%. It-tnaqqis għandu jinżamm sakemm ma' l-mortalità tal-ħut tkun tnaqqset b'suċċess fil-livell li l-STEFC huwa tal-parir li l-ogħla rendiment tista' tinqabad fit-tul. Għall-istokkijiet li rkupraw 'il fuq mil-livell li jippermetti li tinqabad l-ogħla rendiment, il-limitu ta' 15% fuq iż-żidiet fit-TAC ser jikber għal 25%. Ukoll, fejn l-STEFC hu tal-parir li m'għandu jsir l-ebda qbid, it-TACs għandhom jitnaqqsu b'għallinqas 25%. Li jitwessa' l-intervall li permezz tiegħu jistgħu jinbidlu t-TACs ifisser li iktar żidiet jistgħu jinqabdu meta jkun hemm bżonn, iżda jfisser ukoll li jistgħu jsiru żidiet ikbar jekk l-istokkijiet jiżdiedu b'mod xieraq.

L-STEFC ser jintalab jevalwa l-effetti ta' dawn il-bidliet. Jistgħu jsiru iktar adattamenti jekk ikun hemm bżonn.

9. TITJIB FIR-RAPPURTAR TAL-QBID, FID-DATA U L-EVALWAZZJONIJIET

Ġew identifikati dgħufijiet ewlenin fis-sistema ta' kontroll tal-PKS⁸, b'tali mod li l-isforzi reċenti li saru biex jintlaħaq użu sostenibbli ta' l-istokkijiet ma jistgħux jagħtu riżultati. Fin-nuqqas ta' sistema ta' kontroll effettiva, il-qbid żejjed jibqa' jippersisti u l-istokkijiet jonqsu iktar, li jwassal għal TACs iktar baxxi li ma jiġux rispettati.

Għal ġestjoni tal-kwota tajba s-sistema ta' rappurtar tal-ħatt l-art għandha tkun effettiva u għandha tinkludi kontroverifika awtomatika sabiex ikun jista' jiġi evitat il-qbiż tal-kwoti u jinkixfu l-inkonsistenzi. Bħalissa dan mhuwiex il-każ. L-aġenziji xjentifiċi setgħu jwassru biss id-daqs ta' l-istokkijiet tal-ħut, ir-rati tal-mortalità tal-ħut u l-livelli tal-qbid għal madwar 27% ta' l-istokkijiet (Anness I), minħabba *data* mhux eżatta mis-settur tas-sajd dwar il-ħatt l-art, kif ukoll minħabba problemi biex jinkisbu *data* dwar ir-rimi u l-isforz. Jidher li din il-problema qed tmur għall-aġħar: *Data* ħażina twassal għal deċiżjonijiet ħżiena, li jfisser status ta' konservazzjoni ħażin u stokkijiet imnaqqsa. L-Istati Membri qed jiġu mfakkra biex jimplimentaw il-kontroverifika tad-*data* u biex itejbu t-twassil tad-*data*.

⁸

Rapport Speċjali Nru 7/2007 tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri dwar is-sistemi ta' kontroll, spezzjoni u sanzjoni relatati mar-regoli dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fil-Komunità (ĠU C 317/1, 28.12.2007)

Biex jiġu indirzzat dawn in-nuqqasijiet, hija meħtieġa riforma urġenti tas-sistema ta' kontroll tal-PKS. F'Ottubru 2008, il-Kummissjoni ser tippromponi reviżjoni tar-regolament tal-kontroll, li ser tipprovdi wkoll għal titjib fis-sistema VMS u implimentazzjoni iktar ħabrieka tar-reġistru elettroniku.

10. TNAQQIS FIR-RIMI

Matul l-2008 l-Istati Membri ser jistudjaw modi kif jista' jonqos ir-rimi tal-merlangu u tal-merluzz. Il-Kummissjoni, wara li tikkunsidra l-parir ta' l-STECEF u l-esperjenza ta' l-Istati Membri, ser tippromponi miżuri addizzjonali biex timplimenta l-miżuri li kienu suċċess.

Madankollu, l-aħjar mod kif jonqos ir-rimi hu li jinqabdu l-istokkijiet tal-ħut b'rati baxxi ta' mortalità tal-ħut sabiex stokkijiet ta' ħut ikbar ikunu jistgħu jiġi sfruttati mingħajr ma jintrema ħut iżgħar.

Il-Kummissjoni ser tirrevedi wkoll inċentivi għal prattika ta' sajd b'rata baxxa ta' rimi. L-Istati Membri se jkunu jistgħu jużaw ukoll is-sistema l-ġdida ta' kW-jiem biex jinkuraġġixxu tali prattiki.

Se jiġu ppreżentati wkoll proposti biex jonqos ir-rimi u l-qabdiet inċidentali ta' ċertu ħut kif previst fil-Komunikazzjoni ta' l-2006 dwar politika biex jitnaqqas il-qbid inċidentali u biex jiġi evitat ir-rimi lura fl-ibħra Ewropej⁹.

Minbarra dawn l-inizjattivi, il-Fond Ewropew tas-Sajd jipprovdi lill-Istati Membri b'possibiltajiet biex jappoġġjaw it-tnaqqis tar-rimi permezz tal-programmi operattivi tagħhom. Ir-Regolament dwar il-Ġbir tad-Data jipprovdi għal kejl tar-rimi permezz ta' programmi għal osservaturi abbord kofinanzjati mill-baġit tal-Komunità.

L-Istati Membri huma inkuraġġiti ferm biex jiżviluppaw u jimplimentaw dawn l-inizjattivi.

11. SPEĊIJET TAL-BAĦAR FOND

Il-Kummissjoni se tippreżenta l-proposta tagħha rigward it-TACs ta' l-2009 u l-2010 għall-ispeċijiet tal-baħar fond f'Settembru 2008. Il-partijiet interessati se jiġu mistiedna biex jikkuntattjaw lill-entitajiet xjentifiċi (partikolarment l-ICES) f'Ġunju 2008 dwar l-oportunitajiet tas-sajd rakkomandati. Il-parir ta' l-STECEF ser jiġi ppubblikat fl-4 ta' Lulju. Il-parir mill-RACs lill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu sat-8 ta' Lulju sabiex tkun tista' titqies il-fehma tal-partijiet interessati. Il-Kunsill se jiġi mistieden biex jadotta l-proposta fil-laqgħa tiegħu ta' Novembru.

Ir-regola fl-Anness II se tapplika wkoll għall-ispeċijiet tal-baħar fond. Madankollu, peress li l-proposta tikkonċerna t-TACs għal sentejn ir-regoli se japplikaw għal sentejn suċċessivi.

⁹ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew - Politika sabiex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq u jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut fis-sajd Ewropew (COM (2007)136).

Il-Kummissjoni se tibbaża l-kunsiderazzjonijiet tagħha fil-laqgħa tal-Ħarifa tal-Kummissjoni tas-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku dwar il-linjigwida Internazzjoanli tal-FAO għall-ġestjoni tal-ħut tal-baħar fond fl-ibħra miftuħa. Deċiżjonijiet dwar żoni magħluqa jew sforzi tas-sajd se jiġu implimentati fir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd annwali ewlieni għall-2009.

12. IL-BAĦAR MEDITERRAN U L-BAĦAR L-ISWED

It-TACs u l-Kwoti għall-Baħar l-Iswed ġew iffissati għall-ewwel darba għas-sena 2008. L-istabbiliment tat-TAC għall-2009 se jimxi fuq ir-regoli fl-Anness I, u jistgħu jiġu inklużi speċijiet oħra. Il-laqgħat preparatorji xjentifiċi se jsiru f'April u Ġunju 2008 u r-riżultati tagħhom se jiġu evalwati mill-STEFC f'Lulju. Fil-Baħar Mediterran l-unika TAC għaliha huwa għat-tonn (Bluefin). Fl-2008 ix-xogħol ser jiffoka fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Mediterran (1967/2006) speċjalment rigward l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul u d-delinjazzjoni ta' żoni tas-sajd protetti. Huwa inkwetanti li l-Istati Membri akkumulaw dewmien konsiderevoli biex jimplimentaw dan ir-Regolament. Nuqqasijiet serji fil-konformità jridu jingħelbu b'urġenza. Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib dawn il-kwistjonijiet matul l-2008.

Il-parir xjentifiku rigward l-istokkijiet u l-valutazzjonijiet tas-sajd se jiġu mfittxija mill-STEFC. Dan għandu jtejjeb il-kapaċità xjentifika, pereżempju fil-kuntest tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran). Għall-evalwazzjonijiet kemm tal-Baħar l-Iswed kif ukoll tal-Mediterran, ser jiġu mistiedna xjenzjati minn pajjiżi terzi.

13. IL-BAĦAR BALTIKU

Huwa essenzjali li t-TACs għall-merluzz tal-Baħar Baltiku stabbiliti għall-2008 jiġu rrispettati. Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib din il-kwistjoni.

Il-Kummissjoni se tippreżenta l-proposta tagħha dwar it-TACs ta' l-2009 għall-istokkijiet tal-Baltiku f'Settembru 2008. Il-Kunsill se jiġi mistieden biex jadotta l-proposta f'Ottubru. Fuq il-parir ta' l-ICES fit-23 ta' Mejju, l-Istati Membri se jiġu kkonsultati dwar mistoqsijiet xjentifiċi pendenti li għandhom jitqajmu ma' l-STEFC. Il-parir mill-RAC lill-Kummissjoni għandu jingħata sa l-aħħar ta' Ġunju.

14. MIŻURI TEKNIĊI

Fl-2008 l-Kummissjoni se tipproponi Regolament ġdid dwar miżuri tekniċi għaż-żoni ta' l-Atlantiku, li għandu juża ħafna mir-regoli li issa huma stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-Sajd.

15. L-ISKEDAR TAL-PROPOSTI

Il-parir xjentifiku dwar ħafna mill-istokkijiet demersali ser isir disponibbli mill-STEFC fil-bidu ta' Lulju, u b'hekk ikun jista' jingħata bidu bikri għad-diskussjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd. Huwa impossibbli li jitressqu l-quddiem il-laqgħat tal-Ħarifa dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet b'iktar minn ftit ġimgħat minħabba li l-parir

għall-istokkijiet pelaġiċi kbar maqsuma mhux se jkun disponibbli qabel Ottubru. Dan se jkun meħtieġ qabel ma jkun jista' jiġi nnegożjat pakkett sħiħ ta' opportunitajiet tas-sajd.

L-iskeda prevista hija kif ġej:

Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-sajd	Data tal-proposta tal-Kummissjoni:	Data possibbli għall-adozzjoni
Il-Baħar l-Iswed	Settembru	Il-Kunsill ta' Ottubru
Il-Baħar Baltiku	Settembru	Il-Kunsill ta' Ottubru
L-ispeċijiet tal-baħar fond	Settembru	Il-Kunsill ta' Novembru
Iż-żoni l-oħra kollha	Ottubru/Novembru	Il-Kunsill ta' Diċembru

Peress li l-parir xjentifiku se jiġi pprovdut iktar kmieni mis-snin preċedenti, il-proposta ewlenija tista' tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'Ottubru. Madankollu, f'dan iż-żmien ħafna elementi rilevanti għall-konsultazzjonijiet bilaterali tan-Norveġja u konsultazzjonijiet internazzjonali oħra ma jkunux għadhom ġew deċiżi. Għalhekk il-proposta se jkun fiha ħafna elementi li ma jkunux ittieħdu deċiżjonijiet dwarhom u l-ebda ċifri speċifiċi ma jistgħu jiġu ppreżentati.

Il-parir xjentifiku għandu jiġi pprovdut fin-nofs ta' l-2009 għall-istokkijiet kollha. Dan għandu jippermetti iktar żmien għal kunsiderazzjonijiet u diskussjonijiet estiżi. Huma milqugħa opinjonijiet dwar preferenzi għal tibdiliet fl-iskedar tal-proposti u d-deċiżjonijiet matul l-2009.

16. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni titlob l-opinjonijiet ta' l-Istati Membri u tal-partijiet interessati dwar l-approċċ stabbilit hawn fuq.

Taprezza ħafna l-parir tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akwakultura. It-teħid in kunsiderazzjoni ta' dan il-parir għandu jgħin lill-Kummissjoni biex tilħaq ir-responsabbiltà tagħha għas-sostenibbiltà skond l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Il-Kummissjoni tadotta approċċ responsabbli għall-ġestjoni tas-sostenibbiltà: in-nuqqas ta' evidenza mhijiex evidenza għas-sostenibbiltà.

Il-parir tal-partijiet interessati jista' jintuża biss mill-Kummissjoni meta jiġi żviluppat permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza għas-sajd sostenibbli; jiġifieri, id-data huma meħtieġa biex jappoġġjaw il-parir tal-partijiet interessati.

Hija meħtieġa informazzjoni tajba dwar is-sajd u l-istokkijiet sabiex jingħata parir kredibbli. Il-partijiet interessati huma mħeġġa li jiżguraw implimentazzjoni sħiħa u effettiva tas-sistemi eżistenti tar-rappurtar tal-qbid u l-ġbir tad-*data*. Dawn huma essenzjali biex il-ġestjoni tas-sajd taħdem. B'bażi soda fl-informazzjoni, il-partijiet interessati jkunu jistgħu jagħtu parir aħjar lill-Kummissjoni dwar il-prattiki tas-sajd sostenibbli.

Il-Kummissjoni se tkompli segwitu tekniku speċifiku (u speċjalment dwar is-sistema ta' ġestjoni ta' l-isforz) ma' l-Istati Membri u l-partijiet interessati mit-tieni kwart ta' l-2008.

Sabiex ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu utilizzati fil-ħin, il-Kummissjoni titlob li l-kontribuzzjonijiet jiġu finalizzati sat-30 ta' Ġunju 2008.

Matul l-2008 l-Kummissjoni se tiżviluppa iktar proċeduri ta' konsultazzjoni biex tittejjeb il-politika tal-konservazzjoni, partikolarment dwar it-titjib tal-konformità.

ANNEX I

Tabella 1. Parir xjentifiku dwar il-qagħda ta' l-istokkijiet	Għadd ta' stokkijiet					
	2003	2004	2005	2006	2007	2008
Stokkijiet li mhumiex fi ħdan limiti bijoloġiċi sikuri	30	29	26	26	26	28
Stokkijiet li huma fi ħdan limiti bijoloġiċi sikuri	12	10	14	11	12	13
Il-qagħda ta' l-istokkijiet mhix magħrufa minħabba <i>data</i> b'nuqqasijiet	48	53	53	57	58	55

Tabella 2. Parir xjentifiku dwar qbid żejjed	Għadd ta' stokkijiet					
	2003	2004	2005	2006	2007	2008
Ir-rata tal-qbid mill-istokkijiet hija magħrufa meta mqabbla mar-rata tar-rendiment massimu sostenibbli			34	23	32	33
L-istokk qed jinqabad iżżejjed ¹⁰ .			32	21	30	29
L-istokk qed jinqabad bir-rata ta' rendimenti massimu sostenibbli			2	2	2	4

Tabella 3. Parir xjentifiku ta' emerġenza	Għadd ta' stokkijiet					
	2003	2004	2005	2006	2007	2008
Parir xjentifiku biex is-sajd jieqaf	24	13	12	14	20	18

Tabella 4. Differenza bejn it-TACs u l-qbid sostenibbli						
	2003	2004	2005	2006	2007	2008
TAC eċċessiv fuq il-qbid sostenibbli (%)	43%	48%	57%	47%	44%	49%

Tabella 5. Sommarju tal-parir xjentifiku dwar l-opportunitajiet tas-sajd	Għadd ta' stokkijiet tal-ħut					
	2003	2004	2005	2006	2007	2008
Stokkijiet fejn id-daqs ta' l-istokk u l-mortalità tal-ħut jistgħu jiġu previsti	40	34	40	31	29	30
Stokkijiet li għalihom hemm parir xjentifiku dwar l-opportunitajiet tas-sajd	59	52	54	65	61	59
Stokkijiet li ma jkunx ingħata parir xjentifiku dwarhom	31	40	39	29	35	37

¹⁰ jintuża wkoll it-terminu "sfruttat iżżejjed"

ANNEX II

Regoli għat-TACs

Id-deċiżjonijiet dwar it-TAC għandhom isiru abbażi ta' parir xjentifiku kif previst mill-STEFCF.

Għandhom japplikaw regoli differenti skond il-livell ta' riskju li jikkonċerna kull stokk. L-istokkijiet ikunu friskju għoli meta jinżlu taħt il-"livell prekawzjonali (B_{pa})" – il-livell fejn ikun hemm ir-riskju li l-produttività futura ta' l-istokk tonqos. Sinjal ieħor ta' riskju għoli hu meta r-rata tal-mortalità tal-ħut tkun ogħla mir-"rata prekawzjonali" (F_{pa}). Ir-rata tal-mortalità tal-ħut hija l-qabda annwali diviża bid-daqs medju ta' l-istokk matul is-sena.

Jekk stokk ikun iżgħar minn B_{pa} jew jinqabad b'rata renditaoghla minn F_{pa} dan "ma jkunx fi ħdan il-limiti bijoloġiċi sikuri", u *vice versa*.

Parir xjentifiku	Azzjoni li għandha tittieħed fl-istabbiliment tat-TAC
Stokk sfruttat bir-rata ta' rendiment massimu sostenibbli	Għandu jiġi mmirat li t-TAC jiġi stabbilit skond il-qabda prevista li tikkorrispondi għall-mortalità tal-ħut li tagħti l-ogħla renditu fit-tul, iżda t-TAC m'għandux jinbidel b'iktar minn 25%.
Stokkijiet sfruttati żżejjed meta mqabbla mar-rendiment massimu sostenibbli iżda li huma fi ħdan limiti bijoloġiċi sikuri	Għandu jiġi mmirat li t-TAC jiġi stabbilit fil-valur l-iktar għoli ta' (a) għall-qabda prevista li tikkorrispondi għall-ogħla renditu fit-tul ¹¹ , jew (b) sajd b'rata ta' mortalità mhux mibdula, iżda t-TAC m'għandux jinbidel b'iktar minn 15%.
Stokkijiet li mhumiex fi ħdan limiti bijoloġiċi sikuri	Għandu jiġi mmirat li t-TAC jiġi stabbilit skond il-qabda prevista li jirriżulta fi tnaqqis ta' 30% fir-rata tal-mortalità tal-ħut, iżda m'għandhiex titnaqqas il-mortalità tal-ħut b'mod li jista' jkun ta' ħsara għar-rendiment fit-tul ¹¹ u t-TAC m'għandux jitnaqqas b'iktar minn 20%.
L-istokk huwa suġġett għal pjan fit-tul u x-xjenzjati jagħtu parir dwar il-qbid li jikkorrispondi għall-pjan.	It-TAC għandu jiġi stabbilit fuq il-pjan rilevanti.
L-istokk għandu ħajja qasira u ma tistax tiġi provduta previżjoni ta' sena.	TAC proviżorju jiġi stabbilit u jinbidel meta ssir disponibbli informazzjoni ġdida matul is-sena.

¹¹ Kif imkejjel mill-mortalità tal-ħut li tikkorrispondi għar-rendiment marġinali ta' 10% tar-rendiment marġinali b'mortalità tal-ħut qrib iż-żero ($F_{0.1}$).

Il-qagħda ta' l-istokk mhijiex magħrufa b'mod preċiż u l-STECEF jagħti parir dwar il-livell tal-qbid xieraq.	Għandu jiġi mmirat li t-TAC jiġi stabbilit skond il-parir ta' l-STECEF iżda t-TAC m'għandux jinbidel b'iktar minn 15%.
Il-qagħda ta' l-istokk mhijiex magħrufa b'mod preċiż u l-STECEF jagħti parir li għandu jonqos l-isforz ta-sajd.	It-TAC għandu jitnaqqas sa 15% u l-STECEF għandha tintalab tagħti parir dwar il-livell ta' sforz xieraq.
Il-qagħda ta' l-istokk mhijiex magħrufa b'mod preċiż u l-STECEF jagħti parir li l-istokk għandu jiżdied.	It-TAC għandu jiżdied sa 15%.
Il-qagħda ta' l-istokk mhijiex magħrufa b'mod preċiż u l-STECEF jagħti parir li l-istokk għandu jonqos.	It-TAC għandu jitnaqqas sa 15%.
L-STECEF jagħti l-parir biex ma ssir l-ebda qabda, li jsir tnaqqis għal-livell l-iktar baxx possibbli jew parir simili.	It-TAC għandu jitnaqqas b'għallinqas 25%. Għandhom jiġu implimentati miżuri ta' rkupru inkluż it-tnaqqis ta' l-isforz u l-introduzzjoni ta' rkaptu iktar selettiv.
M'hemm ebda parir mill-STECEF	It-TACs għandhom jiġu aġġustati lejn livelli ta' qbid reali riċenti iżda m'għandhomx jinbidlu b'iktar minn 15% fis-sena jew l-istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan t'implimentazzjoni biex jiġi pprovdut parir fi żmien qasir.